31986D0103

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Marzu 1986

li taċċetta, għan-nom tal-Komunità, l-Anness F 2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni ta' Proċeduri Doganali

(86/103/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilxxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi bid-Deċiżjoni 75/199/KEE [1], il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali;

Billi l-Anness F 2 li jirrigwarda l-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku jista' jiġi aċċettat mill-Komunità;

Billi l-aċċettazzjoni għandha, iżda, tkun akkompanjata minn ċerti riżervi li jkun jieħdu in konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-unjoni doganali u l-istadju preżentement milħuq fl-armonizazzjoni tal-leġislazzjoni doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness F 2, li jirrigwarda l-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku, għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali qegħda tiġi aċċetata permezz tal-preżenti għan-nom tal-Komunità, soġġetta għal riżerva ta' natura ġenerali u riżerva fir-rigward tal-Prattika Rakkomandata 7.

It-test ta' l-Anness, flikien mar-riżervi, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed permezz tal-preżenti jiġi awtorizzat li jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tinnotifika lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni mill-Komunità, soġġetta għar-riżervi msemmija fl-Artikolu 1, ta' l-Anness msemmi f'dak l-Artikolu [2].

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Marzu 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS

[1] ĠU L 100, tal-21.4.1975, p. 1.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-Anness F2 għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Ir-riżervi mdaħħla mill-Komunità fir-rigward ta' l-Anness F 2 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u Armonizzazzjoni ta' Proċeduri tad-Dwama

1. *Riżerva ta' natura ġenerali (osservazzjoni ta' natura ġenerali)*

"Il-leġislazzjoni tal-Komunità tkopri biss parti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. F'oqsma mhux koperti bil-leġislazzjoni tal-Komunità, l-Istati Membri idaħħlu r-riżervi tagħhom jekk meħtieġ."

2. *Prattika Rakkomandata 7*

"Taħt ċirkostanzi normali l-Komunità tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din il-Prattika Rakkomandata. Madankollu, l-awtorizazzjoni tingħata biss fejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt l-arranġamenti ma jistax jirriżulta f'distorsjoni ta' l-effetti tar-regoli oriġinali jew ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-merkanzija importata."

L-ANNESS F 2

DWAR L-IPPROĊESSAR TA' OĠĠETTI GĦALL-UŻU DOMESTIKU

INTRODUZZJONI

B'mod ġenerali d-dazji u taxxi li għandhom jitħallsu dwar merkanzija mportata għall-użu domestiku huwa addattati tajjeb għall-politika dwar it-tariffi tal-pajjiż konċernat. Madankollu, f'ċertri każijiet, l-livell ta' dazji ta' importazzjoni u t-taxxi li għandhom jitħallsu dwar merkanzija mportata huwa tali li kwalunkwe intenzjoni ta' manifattura, ipproċessar jew aktar xogħol fuq il-merkanzija wara li tiġi approvata għall-użu domestiku jirrendi l-operazzjoni kummerċjali globali mhux ta' profitt b'telf riżultanti għall-pajjiż minħabba t-trasferiment ta' dawk l-attivitajiet ekonomiċi f'pajjiż ieħor.

Min-naħa l-oħra, dawn l-attivitajiet ekonomiċi jistgħu jiġu mħajjra billi jiġi permess li ċerta merkanzija tiġi ipproċesssata taħt il-kontroll doganali qabel ma' tittieħed għall-użu domestiku.

L-għan tal-proċeduri doganali għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku hu li jippprovdu għall-possibiltà fejn ikun fl-interess nazzjonali ekonomiku, ta' l-ipproċessar ta' ċerta merkanzija importata taħt kontroll doganali sa dak il-limitu li l-ammont ta' dazji u taxxi dwar l-importazzjoni applikabbli għall-prodotti hekk miksub ikun anqas minn dak li kien ikun applikabbli għall-merkanzija importata.

TIFSIRIET

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness:

(a) l-espressjoni "ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku" tfisser il-proċeduri doganali li taħtha merkanzija mportati jistgħu jiġu manifatturati, proċessati jew maħduma, qabel ikklirjati għall-użu domestiku u taħt il-kontroll doganali, sa dak il-limitu li l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni u taxxi applikabbli għall-prodotti hekk miksuba ikun anqas minn dak li kien ikun applikabbli għall-merkanzija mportati;

(b) l-espressjoni "approvata għall-użu domestiku" tfisser il-proċeduri doganali li jistipulaw li merkanzija importata tista' tibqa' permanentement fit-territorju doganali. Din il-proċedura timplika l-ħlas ta' kwalunkwe dazji u taxxi dwar l-importazzjoni li għandhom jitħallsu u t-twettiq tal-formalitajiet doganali kollha meħtieġa;

(a) l-espressjoni "dazji u taxxi dwar l-importazzjoni" tfisser id-dazji doganali u 'l bqija tad-dazji, it-taxxi, il-miżati u ħlasijiet oħra li jinġabru mal-importazzjoni tal-merkanzija jew in konnessjoni magħha, iżda ma tinkludix miżati u ħlasijiet limitati fl-ammont għan-nefqa approssimattiva ta' servizzi reżi;

(d) l-espressjoni "dikjarazzjoni ta' l-merkanzija" tfisser prospett magħmul skond il-forma preskritta mid-dwana li permezz tagħha l-persuni nteresati jindikaw il-proċedura doganali li għandha tiġi applikata għall-merkanzija u li jfornu d-dettalji li d-dwana tesiġi li għandhom jiġu dikjarati għall-applikazzjoni ta' dik il-proċedura;

(e) l-espressjoni "kontroll doganali" tfisser il-miżuri applikati sabiex tiġi żgurata konformità mal-liġijiet u r-regolamenti li d-dwana hija responsabbli sabiex tinforza;

(f) l-espressjoni "sigurtà" tfisser dak li jiżgura għas-sodisfazzjon tad-dwana li xi obbligazzjoni lejn id-dwana titwettaq. Is-Sigurtà hija deskritta bħala "ġenerali" meta tiżgura li l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn diversi operazzjonijiet jitwettqu;

(k) l-espressjoni "persuna" tfisser kemm persuni naturali kif ukoll legali, sakemm il-rabta ta' kliem ma teħtieġx xort'oħra;

PRINĊIPJI

1. **Standard**

L-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. **Standard**

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti u l-formalitajiet doganali li għandhom jitwettqu għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku.

Noti

1. L-għoti ta' approvazzjoni għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku tista' tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-operazzjonijiet ta' ipproċessar proposti jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti bħala ta' benefiċċju għall-ekonomija nazzjonali.

2. Id-dritt li tiġi ipproċessata merkanzija għall-użu domestiku jista' jiġi riżervat għall-persuni stabbiliti fit-territorju doganali u li l-operazzjonijiet tagħhom jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-awtoritajiet doganali.

3. L-awtoritajiet doganali normalment jagħtu l-approvazzjoni għall-operazzjonijiet ta' ipproċessar li għandhom jitwettqu f'post partikolari (eżempju il-fond ta' l-importatur) u minn persuni speċifikati.

4. L-awtoritajiet doganali jistgħu jifissaw rati standard ta' produzzjoni għall-operazzjonijiet involuti fl-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku.

3. **Standard**

L-għoti tal-proċedura għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jissodisfaw lilhom infushom li l-prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar ikunu inkisbu mill-merkanzija mportata.

4. **Standard**

L-għoti tal-proċedura ta' ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jkun soġġett għall- kundizzjoni li l-istat oriġinali tal-merkanzija ma jkunx jista' jiġi ekonomikament irkuprat wara l-ipproċessar.

GĦAN

5. **Standard**

L-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jkun permess fir-rigward ta' kategoriji speċifikati ta' merkanzija li jgħaddu minn operazzjonijiet ta' ipproċessar approvati.

Nota

L-approvazzjoni tista' tiġi ristretta għall-operazzjonijiet ta' ipproċessar li jirriżultaw fi prodotti li jkunu jistgħu jiġu klassifikati taħt intestaturi speċifiċi tat-tariffa.

6. **Standard**

L-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku m'għandux ikun limitat għall-merkanzija importata direttament minn barra iżda għandu wkoll jingħata fir-rigward ta' merkanzija li ġejjin permezz tat-tranżitu, minn maħżen tad-dwana jew minn zona ħielsa.

7. **Prattika Rakkomandata**

L-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku m'għandux jiġi rifjutat unikament a bażi tal-pajjiż ta' oriġini tal-merkanzija jew il-pajjiż minn fejn ġew konsenjati.

8. **Standard**

Id-dritt għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku m'għandux ikun limitat għall-proprjetarju ta' l-merkanzija importata.

9. **Prattika Rakkomandata**

Persuni li jwettqu ipproċessar fuq skala kbira u kontinwa ta' l-istess tip ta' merkanzija għall-użu domestiku għandhom jingħataw awtorizzazzjoni ġenerali li tkopri dawk l-operazzjonijiet.

DIKJARAZZJONI DWAR L-IPPROĊESSAR TA' OĠĠETTI GĦALL-UŻU DOMESTIKU

10. **Standard**

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom id-dikjarazzjoni dwar il-merkanzija għall-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandha ssir u li taħthom l-merkanzija għandha tiġi preżentata fl-uffiċċju doganali kompetenti.

Nota

Id-dikjarazzjoni dwar il-merkanzija għandha ġeneralment issir qabel ma l-merkanzija tiġi ipproċessata għall-użu domestiku iżda, fil-każi fejn l-operazzjonijiet involuti huma relattivament sempliċi, l-approvazzjoni tista' tingħata biex l-ipproċessar jitwettaq qabel ma tintbagħat id-dikjarazjoni ta' l-merkanzija.

SIGURTÀ

11. **Standard**

Il-forma li fiha s-sigurtà, jekk ikun hemm, għandha tiġi provduta fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandha tiġi stipulata fil-leġislazzjoni nazzjonali jew tiġi stabbilita mill-awtoritajiet doganali skond il-leġislazzjoni nazzjonali.

12. **Prattika Rakkomandata**

L-għażla bejn il-forom varji aċċettabbli ta' sigurtà għandha titħalla f'idejn il-persuna konċernata.

13. **Standard**

L-awtoritajiet doganali għandhom, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, jistabbilixxu l-ammont li fih is-sigurtà għandha tiġi provduta fir-rigward tal-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku.

14. **Prattika Rakkomandata**

L-ammont ta' kull sigurtà għandu jiġi ffissat baxx kemm jista' jkun wara jittieħed kont tad-dazji ta' importazzjoni u taxxi li potenzjalment għandhom jitħallsu.

Nota

Din il-Prattika Rakkomandata ma tipprevjenix li l-ammont ta' sigurtà jiġi stabbilit a bażi ta' rata unika fejn l-merkanzija taqa' f'firxa wiesgħa ta' intestaturi tat-tariffa.

15. **Standard**

Fejn is-sigurtà għandha tiġi provduta biex jiġi żgurat li l-obbligazzjonijiet li joħorġu minn diversi operazzjonijiet taħt il-proċedura ta' l-ipproċessar tal- merkanzija għall-użu domestiku jitwettqu, l-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw sigurtà ġenerali.

16. **Prattika Rakkomandata**

L-awtoritajiet doganali għandhom jirrinunzjaw għall-ħtieġa ta' sigurtà fejn ikunu sodisfatti li l-ħlas ta' xi somom li jistgħu jiġu dovuti jista' jiġi żgurat b'mezzi oħra.

TERMINAZZJONI TA' L-IPPROĊESSAR TA' OĠĠETTI GĦALL-UŻU DOMESTIKU

17. **Standard**

L-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jiġi terminat meta l-prodotti li jirriżultaw minn dak l-ipproċessar jiġu approvati għall-użu domestiku.

18. **Standard**

Il-leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-mument li għandu jiġi konsidrat sabiex jiġi stabbilit il-valur u l-kwantità ta' l-merkanzija dikjarata għall-użu domestiku u wkoll r-rati tad-dazji u t-taxxi dwar l-importazzjoni u taxxi applikabbli għaliha.

19. **Prattika Rakkomandata**

Fejn ġustifikati skond iċ-ċirkostanzi u fuq talba tal-persuna konċernata, l-awtoritajiet doganali għandhom japprovaw it-terminazzjoni tal-proċedura meta l-prodotti miksuba mill-ipproċessar jew xogħol jiġu esportati, imqegħda f'maħżen tad-dwana jew introdotti f'zona ħielsa.

20. **Standard**

Kull fdal jew skart li jirriżulta mill-ipproċessar ta' merkanzija għall-użu domestiku għandu jkun soġġett, jekk approvat għall-użu domestiku, għad-dazji u t-taxxi dwar l-importazzjoni li kienu jkunu applikabbli għal fdal jew skart importat f'dak l-istat.

Nota

L-approvazzjoni tista' tingħata sabiex dak il-fdal jew skart jiġi reż kummerċjalment bla valur taħt il-kontroll doganali jew li jiġi esportat mill-ġdid.

21. **Standard**

Merkanzija maħsuba għall-ipproċessar għall-użu domestiku jew prodotti li jirriżultaw minn hekk li jiġu distrutti jew mitlufa għal kollox b'aċċident jew forza maġġuri qabel ma jiġu approvati għall-użu domestiku m'għandhomx jiġu soġġetti għad-dazji u t-taxxi dwar l-importazzjoni, sakemm dik id-distruzzjoni jew telf tiġi debitament stabbilita għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali. Kwalunkwe fdal jew skart li jibqa' wara d-distruzzjoni għandu jkun soġġett, jekk approvat għall-użu domestiku, għad-dazji u t-taxxi dwar l-importazzjoni li kienu jkunu applikabbli għal fdal jew skart importat f'dak l-istat.

TNEĦĦIJA TAS-SIGURTÀ

22. **Standard**

Kwalunkwe sigurtà mogħtija għandha titneħħa kemm jista' jkun malajr wara li l-ipproċessar ta' l-merkanzija għall-użu domestiku ikun intemm.

TAGĦRIF LI JIRRIGWARDA L-IPPROĊESSAR TA' MERKANZIJA GĦALL-UŻU DOMESTIKU

23. **Standard**

L-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li t-tagħrif relevanti kollu li jirrigwarda l-ipproċessar għall-użu domestiku jkun faċilment disponibbli lil kull persuna interessata.